MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANNA FELICE

Seduta tat-3 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 456/2014

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Jason Paul u Marthese mizzewgin Scicluna**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 31 t'Awwissu 2010 (Dok. "A") fejn is-socjetà attrici ikkoncediet facilitiajiet bankarji lil Jason Paul u Marthese mizzewgin Scicluna.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici ta' Jason Paul u Marthese mizzewgin Scicluna fis-somma ta' dsatax-il elf, disa' mija u tnejn u sebghin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€19,972.57), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Credit Card Loan Accounts*" ta' Jason Paul u Marthese mizzewgin Scicluna mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2" u Dok. "C1 sa C2"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 t'April 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esibita bhala Dok. "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jason Paul u Marthese mizzewgin Scicluna

(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura,

(b) Kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura privata, u/jew,

(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Jason Paul u Marthese mizzewgin Scicluna li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti Jason Paul u Marthese mizzewgin Scicluna gew interpellati permezz ta' ittra ufficcjali datata 26 ta' Novembru, 2013, li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "D", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata imsemmija (u hawn esebita bhala Dok. "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jason Paul u Marthese mizzewgin Scicluna (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Jason Paul u Marthese mizzewgin Scicluna li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

2. Tikkundanna lil Jason Paul u Marthese mizzewgin Scicluna ihallsu lis-socjetà attrici s-somma ta' dsatax-il elf, disa' mija u tnejn u sebghin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€19,972.57), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Credit Card Loan Accounts*" ta' Jason Paul u Marthese mizzewgin Scicluna mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2" u Dok. "C1 sa C2"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-2 t'April 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 26 ta' Novembru 2013 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat

kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-intimati li permezz taghha gew ammessi t-talbiet tal-Bank rikorrenti kif dedotti.

Fid-dawl ta' din l-ammissjoni, ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-Bank rikorrenti kif dedotti bl-imghaxijiet u spejjez kif mitlub.

L-ispejjez jithallsu minn Jason Paul Scicluna u Marthese Scicluna.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------